# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 18/2013**

**DANIEL DAMATO**

**Vs**

**OILTANKING MALTA LIMITED (C11026)**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 2232 deciza mit-Tribunal Industrijali fit-13 ta' Gunju 2014, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"Dan iI-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-Rikorrenti Daniel Damato, Ii gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fit-30 ta' Novembru, 2010. Meta t-Tribunal Industrijali beda jisma' il-Kaz inkwestjoni, dehru r-Rikorrenti ii kien assistit mill-Avukat Ian Micallef u ghas-Socjeta' ntimata deher is-Sur Dirk Exalto Ii kien assistit mill-Avukat Paul Gonzi.*

*Fl'istqarrija tal-Kaz ir-Rikorrenti jghid li beda jahdem mas-Socjeta ntimata fit-2 ta' Jannar 2003, bhala Operator u matul il-hajja ta' 1-impieg tieghu qatt ma kellu rapporti ta' dixxiplina u kien meqjus bhala haddiem ezemplari. FI-istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, Ii fis-6 ta' Mejju 2010, qabel ma hareg mix-xoghol mar ikellem lill-Opertions manager Alex Fenech, fejn qallu Ii l-patrol ma kienx sar. Huwa jghid ukoll, Ii miII-ewwel qallu ii ma kienx sar minhabba Ii kien hemm hafna xoghol u ma setghax ilahhaq jghamel kollox. Huwa jghid ukoll, Ii qatt ma qal lit-torri tal-kontroll biex jaghmel log li kien ghamel il-patrol. Ir-rikorrenti jghid ukoll, Ii la darba ma setghax jghamlu minhabba x-xoghol li kien hemm, kienet ir-responsabilita tax-xhift leader li jqabbad lil haddiehor biex jghamel il-patrol inkwestjoni.*

*Fl' istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li fis-7 ta' Mejju 2010, kien gie sospiz mix-xoghol u aktar tard gie mgharraf li kellu jidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Kumpanija, fejn gie akkuzat li ma kienx ghamel il-patrol. Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li d-decizjoni tal-Bord tad-dixxiplina kienet, li fil-waqt li kien instab hati li kien kiser il-proceduri tal-Kumpanija, pero l-istess Bord ta' Dixxiplina kien stqarr, li fil-waqt li kelihom jittiehdu mizuri ta' dixxiplina fil-konfront tieghu, pero din il-mizura ta' dixxplina ma kellix tkun dik ta' tkeccija mill-impieg.*

*Fl'istqarrija tieghu ir-Rikorrenti jghid ukoll, li fid-9 ta' Awissu 2010, gie msejjah mill-management fejn gie moghti ittra ta' terminazzjoni ta' impieg u l-istess management kien akkuzah ukoll, li kellu nuqqasijiet fil-passat fejn kien jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu.. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li kuntrarju ghal dak li kien qed jghid il-management, huwa qatt ma gie mgharraf li kellu xi nuqqasijiet fil-passat.*

*Ir-rikorrenti jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li huwa kien talab lill-management biex jerga jikkunsidra d-decizjoni tat-tkeccija u t-talba tieghu kienet, biex tigi rtirata l-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg u fil-waqt li ma talabx li jerga jigi moghti l-impieg lura, huwa ghamel talba biex jigi moghti kumpenss xieraq.*

*Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante, illi l-impieg gie tterminat ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi, hekk kif previst mill-Artikolu 36 (14) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll*

*ai temini tal-Ftehim Kollettiv li jirregola l-impieg tar-rikorrenti u dan kif ser jigi pppruvat waqt is-smiegh tal-Kaz. Is-Socjeta tghid ukoll, li a bazi ta' nuqqas gravissimu fl-osservanza u ezekuzzjoni tad-dmirijiet tal-impjegat, liema nuqqas pogga lill-impjegat stess, lill-kollegi tieghu u lill-Kumpanija rriskju, kif ukoll kondotta li ggib nuqqas ta' fiducja fl-impjegat u fl-intenzjonijiet tieghu u dan fil-kuntest tan-natura tal-impieg tar-rikorrenti fuq il-post tax-xoghol.*

*Is-Socjeta tghid ukoll, li r-rikorenti kien jaf bir-ragunijiet li wasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impieg, kif ukoll inghata kull opportunita li jiddiskuti u jispjega l-istess ragunijiet u jiddefendi l-posizzjoni tieghu flimkien mar-rapprezentanti legali tieghu u tal-union, waqt laqghat mal-management tal-kumpanija u sahansitra waqt il-proceduri dixxiplinarji li sehhew quddiem Board tad-Dixxiplina ndipendenti skond il-Ftehim Kollettiv.*

*Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn titlob lit-Tribunal Industrijali jiddikjara, li t-terminazzjoni tal-impieg kienet gusta u skond il-ligi.*

*Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrenti kien ilu jahdem mas-Socjeta ntimata mit-2 ta' Jannar 2003, U mill-istess provi li deheru quddiem it-Tribunal Industrijali ma jirrizultax li r-rikorrenti qatt kellu xi kazi ta' dixxiplina. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-Kaz li wassal biex jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tar-Rikorrenti sehh fis-6 ta' Mejju 2010, meta ir-rikorrenti ma lahaqx jghamel il-patrol skond kif kien rikjest li jghamel. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-patrol inkwestjoni ma kienx sar peress li f'dik il-gurnata kien hemm pressjoni ta' xoghol li ma ppermettix li tigi segwita l-procedura tal-patrol. Mill-provi jirrizulta wkoll, li gie rregistrat fl-log book li l-patrol kien sar u invista ta' dan, meta is-Socjeta stharget il-kaz u rrizultala li l-patrol ma kienx sar, imma gie rregistrat li kien sar, akkuzat lir-Rikorrenti li fil-waqt li hu kien naqas li jsegwi l-procedura tal-Kumpanija li jghamel il-patrol kien hemm nuqqas akbar li kien irregistra fl-log book li l-patrol kien sar.*

*Quddiem it-TribunaI Industrijali, ir-rikorrenti bil-gurament cahad li hu qatt irregistra li kien ghamel il-patrol fuq il-log book u qal, li ma kellux access biex ikun jaf mm kien ghamel din ir-registrazzjoni illi-log book tal-Kumpanija. Fix-xhieda tieghu huwa ammetta, li l-patrol*

*ma kienx sar u dan ma sarx peress li kien hemm pressjoni ta' xoghol li ma kienitx normali. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti qabel ma telaq mix-xoghol kien informa lis-superjur tieghu, li ma kienx lahaq ghamel il-patrol.*

*Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li kien hemm okkazzjoni fejn haddiema ohra li kienu ammettew li ma kienux ghamlu il-patrol, l-mizura ta' dixxiplina li giet mehuda fil-konfront taghhom kienet dik ta' twissija.*

*Quddiem it-Tribunal Industrijali s-Socjeta qalet, li l-Kaz inkwestjoni kien differenti mill-kazijiet imsemmija ta' haddiema ohra u dan ghar-raguni, li fil-kazijiet imsemmija dawk il-haddiema ma kienux iddikkjaraw fuq il-log book, li l-patrol kien sar meta fil-fatt ma kienx sar. Fix-xhieda taghha s-Socjeta tghid, li l-akbar gravita tal-Kaz inkwestjoni kienet, li gie ddikjarat li l-patrol kien sar meta fil-fatt ma kienx sar.*

*Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, ii s-Socjeta fl'ittra ta' terminazzjoni tal-impieg akkuzat lir-Rikorrenti, li kienu rrizultawla li hu kellu nuqqasijiet ohra fil-passat li kienu jimmeritaw passi dixxiplinarji.*

*It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-Kaz, u jibda biex jikkunsidra l-allegat kazijiet ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrenti. F'dawn il-kunsiderazzjonijiet dan it-Tribunal jikkunsidra, li ma jirrizultax ii r-rikorrenti kellu xi kazijiet ohra ta' dixxiplina ghajr dak li sehh fis-6 ta' Mejju 2010. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jibda biex jittratta biss dan il-kaz inkwestjoni.*

*Fil-Kaz inkwestjoni, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li s-Socjeta ghamlet l-allegazzjoni li r-rikorrenti kien irregistra fuq il-log book, li l-patrol kien sar, meta fil-fatt ma kienx sar. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jghid, li hu kien ammetta li 1-patrol ma kienx sar, pero qatt ma kien irregistra fl-log book li l-patrol kien sar u din ir-registrazzjoni li saret fl-log book ma kienx ghamilha hu u lanqas setgha jghati spjegazzjoni min u kif din giet irregistrata.*

*Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dan l-aspett tax-xhieda, dan it-Tribunal Industrijali hu tal-fehema, li x-xhieda tar-rikorrenti hija wahda kredibbli u l-prova tal-kredibilita tieghu tigi kkonfermata peress, li huwa stess jixhed li fl-ahhar tax-shift kien informa lis-superjur tieghu, li ma kienx ghamel il-patrol skond il-procedura u li kieku hu irregistra fuq il-log book li kien ghamel il-patrol, ma kellux ghalfejn jghid lis-superjuri tieghu li l-patrol ma kienx sar.*

*It-Tribunal Industrijali fl'analazi ta' dan il-kaz jsib, li n-nuqqas tar-rikorrenti kien li ma messux halla sa meta spicca x-shift biex jinforma lis-superjur tieghu li ma kienx ghamel il-patrol, imma huwa messu nforma lis-superjur tieghu ferm qabel meta rrejalizza li ma kienx se jlahhaq li jghamel il-patrol skond il-procedura tas-Socjeta.*

*It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li fil-waqt li hemm certa gravita li ma tigix segwita din il-procedura, din kienet l-ewwel okkazzjoni tar-rikorrenti. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif irrizulta waqt il-provi quddiem it-Tribunal Industrijali, meta gara kaz simili ma haddiema ohra l-mizura ta' dixxiplina li giet imposta fuqhom kienet dik ta' twissija.*

*Wara li t-Tribunal Industrijali kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evaiwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzzjoni, li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda harxa u l-management setgha kkunsidra passi ohra dixxiplinarji minflok dik ta' tkeccija. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddecidi li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda ngusta u ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi ukoll, li s-socjeta ghandha thallas lir-rikorrenti kumpenss ta' €7,000 (seba t'elef euro) liema hlas ghandu jsir mis-Socjeta lir-Rikorrenti, fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.*

*Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet, ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi.*

*Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabillixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro)."*

Illi min din is-sentenza appellat is-socjeta Oiltanking Malta Limited abbazi tas-segwenti aggravji:

1. Illi fil-konsiderazzjonijiet maghmula mit-Tribunal fis-sentenza *de quo*, it-Tribunal Industrijali ma jaghmilx referenza ghall-eccezzjonijiet u argumenti kollha illi ressqet is-socjeta appellanti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha dwar il-ftehim kollettiv bejn il-partijiet u sahansitra jinjora ghal kollox il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv ezistenti.
2. Illi fid-decizjoni tieghu, it-Tribunal ma jaghti l-ebda indikaturi biex jispjega kif stabbilixxa l-ammont ta' kumpens.

Fil-kontestazzjoni ta' dan l-aggravju l-appellat Daniel Damato iwieġeb billi jissolleva l-pregudizzjali dwar l-inappellabilita tas-sentenza impunjata stante illi ma hemm ebda punt ta' dritt attakkat fl-impunjattiva sollevata.

Huwa certament fl-ordni logiku-guridiku illi din il-Qorti tinvesti *in primis* il-pregudizzjali sollevata mill-appellat dwar l-inappellabilita` tad-decizjoni billi din jista' ikollu effett fuq l-ezitu ta' dan il-gudizzju revizorju.

*"Skond is-subinciz (3) ta' l-Artikolu 82 ta' l-Att XXII ta' l-2002 (Kapitolu 452) ikun hemm dritt ta' appell fil-kazijiet kontemplati f' dik id-disposizzjoni "fuq punt ta' ligi". Ghandu jigi rilevat illi in linea generali ma hemmx bzonn li dan il-punt ta' ligi jkun gie espressament definit bis-sentenza appellata billi, a differenza ta' dak li nsibu per ezempju fl-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kapitolu 356), il-ligi dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dan ma tghidux. Huwa sufficcjenti ghalhekk li l-punt ta' ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew impliciter fid-decizjoni, in kwantu din tkun ittiehdet bis-*

*sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellanti jikkontesta. Ara f' dan is-sens is-sentenza riportata a Vol. XL P I p 137;*

Premess il-kontenut ta' l-aggravji u tat-twegiba ghalihom, jinghad bl-ewwel osservazzjoni illi gja f'bosta sentenzi taghha din il-Qorti rravvizat illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza ta' punt jew ta' principju ta' dritt. Illi s-socjeta appellanti tilmenta mill-fatt illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu naqas milli jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni sollevata minnha dwar in-natura tal-Ftehim Kollettiv ezistenti bejn il-partijiet u dana ghaliex l-istess ftehim jikkontempla dawk l-offizi kommessi mill-impjegat fejn tkun legittima it-tkeccija tieghu mill-impjieg minghajr il-htiega li jinghata xi *warning* preventiv. Kwindi d-decizjoni tas-socjeta appellanti illi tkecci lill-appellat mill-impjieg tieghu kienet frott tal-ftehim kollettiv li kellu jigi applikat billi l-partijiet kienu marbuta bit-termini u kundizzjonijiet hemmhekk stipulati. Tishaq ghalhekk is-socjeta appellanti, illi t-Tribunal Industrijali ma setax jinjora dawn il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv u kwindi l-eccezzjoni sollevata minnha.

Illi huwa principju stabbilit ta' dritt illi l-ftehim kollettiv huwa kuntratt innegozjat mill-Unions li jirrapprezentaw il-maggjoranza tal-haddiema mal-principal taghhom, negozjar li isir fl-ahjar interess tal-haddiema kollha.

*"Il-Ftehim Kollettiv huwa kuntratt li jiddixxiplina b'mod generali r-rapporti tax-xoghol ta' kategorija ta' haddiema bl-intervent tal-Union li tirrapprezentahom. Huwa kuntratt importanti hafna mhux biss ghal kontenut tal-kondizzjonijiet tax-xoghol pattwiti fih imma ghaliex, fundamentalment, dawk l-istess kondizzjonijiet u d-dixxiplini l-ohra tieghu ghandhom jitqiesu r-regoli ta' gudizzju li jridu jigu assunti meta tinsorgi xi kwestjoni jew problema bejn l-interessati. In kwantu kuntratt, il-Ftehim Kollettiv irid jigi interpretat skond l-*

*istregwa tad-dritt komuni u tal-kriterji ordinarji ta' l-ermenewtika kontrattwali, ghalkemm anke hawn, wiehed ma jridx lanqas ihalli jisfuggi mill-vizjoni l-funzjoni tipika tar-regolamentazzjoni tan-normi partikolari applikabbli ghas-settur, u allura ghal dik il-prospettazzjoni interpretattiva li ttendi ghall-kriterju ta' l-armonija tal-kumpless tad-disposizzjonijiet tieghu u tal-volonta komuni f'rapport tax-xoghol*[1]

Dan necessarjament ifisser illi il-ftehim kollettiv ma ghandux jitlef mill-mira tieghu r-regoli specjali li jirregolaw ir-relazzjonijiet industrijali bejn min ihaddem u il-haddiema tieghu.

Illi premess dan l-insenjament fir-rigward taz-zewg ilmenti imressqa mill-appellanti riferribbilment ghal dak pattwit fil-ftehim kollettiv, ma jidhirx illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu tbieghed min dawn il-principji ta' dritt. Illi minn harsa lejn il-ftehim kollettiv esebiet mal-affidavit ta' Dirk Exalto, CEO tas-socjeta appellanti, ma jidhirx illi dan jikkonforta ot-tezi imressqa mis-socjeta appellanti u dan ghaliex l-akkuza imressqa fil-konfront ta'l-appellanti imsejha "Gross Negligence/Failure to adhere to Safety and Security policies" ma iggibx per konsegwenza necessarja it-tkeccija mill-impjieg billi anke il-kliem adoperat fl-Annex B mal-ftehim kollettiv jipprospetta sitwazzjoni ta' "liable for dismissal" u mhux ta' tkeccija immedjata. Illi fil-kaz in dizamina jidher illi giet segwieta il-procedura miftiehma fil-Ftehim Kollettiv, senjatament, u cioe dik pattwita fil-klawsola numru 30.1 fejn allura gie appunta il-Bod tad-Dixxiplina beix jevalwa il-kaz ta'l-impjegat Daniel D'Amato. Illi l-Bord tad-Dixxiplina stess ikkonkluda hekk wara li ghamel l-evalwazzjoni tieghu tan-nuqqassijiet allegati kommessi mill-impjegat:

---

[1] Joseph Silvio vs Corinthia Palace Hotel Company Limited 27/02/2009 App.Inf

"Consequently, the Board finds Mr Damato guilty of failing to adhere to procedures but limitedly to his non-performance of a security round and in this regard recommends that management **does not resort to dismissal** but instead to a lesser punishment that however underlines the importance of adherence to safety and security procedures in an establishment such as that operated by the company."

Stabbiliti dawn il-fatti li jemergu mill-atti processwali, huwa bil-wiesq evidenti illi allura kienet is-socjeta appellanti li naqqset milli izzomm ma' dak pattwit fil-ftehim kollettiv billi wara li gew segweiti il-proceduri dixxiplinari kif miftiehma xortawahda naqqset milli taderixxi ruhha mal-konkluzjoni ta'l-istess u minflok imxiet minn jeddha ghat-tkeccija ghalkemm dan ma kienx indikat ghan-nuqqasijiet kommessi mill-impjegat. Illi hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi it-tkeccija ma kenitx gietx espressament miftiehma bhala il-kastig ghan-nuqqas kommess mill-impjegat billi il-kliem adoperat kien jindika illi l-impjegat seta jigi imkecci izda mhux illi ghandu jigi imkecci fil-kaz ta' nuqqas ta' ottemperanza mar-regoli tas-sigurta tal-kumpannija, u ukoll illi kienet is-socjeta appellanti li naqqset milli totoempera ruhu mal-ftheim kollettiv meta ghalkemm giet adoperata il-procedura miftiehem fl-imsemmi ftehim f'kaz ta' offizi kommessi mill-haddiema fuq il-post tax-xoghol, naqqset milli timxi ma' dak rakkomandat mill-Bod tad-Dixxiplina, izda ghazlet minflok illi tirrikorri ghall-estremi tat-tkeccija minghajr ebda raguni plawsibbli.

Illi ma hemmx dubbju ghalhekk illi t-Tribunal mexa mal-principji ta' dritt fid-decizjoni tieghu u dana meta wara li ha konjizzjoni kollha tal-atti processwali inkluz ghalhekk l-eccezzjonijeit sollevati u di-dokumenti esebieti wasal ghall-istess konkluzjoni milhuqa mill-Bord tad-Dixxiplina illi l-kaz ma keinx jimmerita it-tkeccija ta'l-impjegat mill-post tax-xoghol tieghu. L-impjieg li huwa l-ghajn tal-ghejxien ghal haddiem u il-familja tieghu huwa sagru u

ghalhekk tkeccija ma tistax tinghata bhala kastig jekk ma tkunx konsegwenza ta' xi offiza gravi tant illi meta wiehed jizen n-nuqqas tieghu mal-hsara li jista' isofri il-principal ghal tali nuqqas, dan ixaqqleb favur il-principal. Huwa biss f'din ic-cirkostanza illi t-tkeccija tkun gustifikata li f'dan il-kaz certament ma kenitx indikata iktar u iktar meta wiehed jiehu kont tal-fatt illi n-nuqqas kommess mill-impjegat kien dovut mhux ghal xi traskuragini jew insubordinaznza izda minhabba l-fatt li huwa ma seta xilahhaq mal-volum tax-xoghol li kellu jaghmel.

Illi finalment is-socjeta appellanti tilmenta mill-fatt illi it-Tribunal fid-decizjoni tieghu ma jaghti l-ebda indikaturi dwar kif wasal sabiex stabilixxa l-ammont tal-kumpens li kellu jithallas mis-socjeta minhabba t-tkeccija ingusta maghmula fil-konfront ta'l-appellat. Illi l-ammont li gie stabbilit kien dak ta' sebat elef ewro. Illi l-artikolu 81(2)(a) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi l-kriterji li ghandu isegwi it-Tribunal meta jigi biex jiffissa l-ammont ta kumpens dovut u dan meta jinghad illi:

**"meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem."**

Illi inghad minn din il-Qorti kif diversament ipprejseduta:

**"L-iffissar ta' l-ammont tal-kumpens hu rimess ghall-arbitriju tat-Tribunal. Arbitriju dan, li hu mistenni wkoll, u dejjem, li jkun wiehed boni viri, bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell solitu tal-bonus paterfamilias. Tali apprezzament ekwu jimplika gudizzju li jzomm qies tac-cirkostanzi fattwali kollha u rikonciljat ma' l-ezercizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal."**

Issa huwa veru illi l-motivazzjoni, allavolja tista' ma tkunx wahda elaborata, hi ta' essenza tal-gudizzju, kif ukoll huwa minnu illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu ma jaghti l-ebda hjiel tal-mottiv li wasslitu jistabilixxi l-kumpens dovut fl-ammont ta' €7000. dan ghaliex kif gie ritenut: "Fil-hsieb ta' din il-Qorti s-sentenza in ezami tikkontjeni dan il-minimu ta' motivazzjoni mehtiega biex tirrendiha ritwali taht dan laspett. Dan qed jigi rilevat in kwantu jidher mill-parti razzjonali taghha illi t-Tribunal iffissa l-kumpens wara li ha qies "tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u s-soliti fatturi". Wiehed ma ghandux ghalfejn jiddubita illi fost dawn il-fatturi soliti kien hemm ukoll il-kriterji precizati fid-dispost fuq imsemmi.[2]" Issa mill-parti dispozittiva tad-decizjoni jidher illi t-Tribunal wasal ghal konluzjonijiet tieghu wara li ha in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, is-sottomissjonijiet tal-partijiet u d-dokumenti esebieti. Kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv illi tiddikjara din il-parti tad-decizjoni irritwali.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata, bl-ispejjez ikunu ghak-karigu tas-socjeta appellanti.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[2] Peter Spiteri vs  Xuereb Glass Co.Ltd. Appell Inf. 10/10/2005